MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 856/2011

**Gustav Baldacchino**

**vs**

**Gordon Agius u Robert Agius**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Gordon Agius u Robert Agius, li ghar-ragunijiet fih premessi talbu lil din il-Qorti, a tenur tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12, tissospendi l-ezekuzzjoni ta' kambjali notifikata lilhom permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Lulju 2011.

Rat ir-risposta ta' Gustav Baldacchino li ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta, talab lil din il-Qorti tichad it-talba sabiex tissospendi l-ezekuzzjoni tat-titlu ezekuttiv dwar il-kambjali in kwistjoni u konsegwentement tiddikjara u tordna illi l-kambjali mertu ta' dan ir-rikors jikkostitwixxu

titolu ezekuttiv u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-intimati ahwa Agius sabiex ihallsu lill-esponent is-somma indikata fl-ittra ufficjali tal-21 ta' Lulju 2011 ammontanti ghal €15,492.00 u dan import tal-istess kambjali annessi mal-ittra ufficjali.

Bl-interessi legali fuq kull kambjala mid-data tal-iskadenza sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ezekuttiva (a bazi tal-kambjali) tal-21 ta' Lulju 2011.

Rat id-dokumenti.

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti odjerni Agius jaghtu zewg ragunijiet ghat-talba taghhom ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjali de quo. L-ewwelnett isostnu li l-kambjali huma invalidi ghaliex ma jsemmux il-lok fejn gew migbuda kif ukoll il-lok ghall-hlas. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "Mifsud vs Xuereb" (deciza fil-5 ta' Ottubru 2001), fejn kuntrarjament ghal dak li jsostnu r-rikorrenti odjerni meta jikkwotaw l-istess sentenza, il-Qorti rriteniet illi sabiex tigi dikjarata invalida kambjala minhabba dan in-nuqqas, trid tezisti sitwazzjoni fejn "*the holder of the bill would be unable to seek any party*" (kif kwotat il-Professur Micallef). Il-Qorti f'dik il-kawza kkwotat ukoll lill-Professur Carlo, "Le Cambiali nel Diritto Maltese", li:

"*Se manca l'indicazione del luogo di pagamenti, non si puo' dire che la cambiale sia nulla, perche' (probabilment il-kelma kwotata kellha tkun purche') vi supliscono altre indicazione.*"

Fil-kaz in ezami, il-partijiet fuq il-kambjala huma indikati bin-numru tal-karta tal-identita' u, kif ben not fiz-zminijiet tal-lum, din hija tracca tal-persuna ta' effikacja adegwata. Ghalhekk, din ir-raguni li qed jaghtu r-rikorrenti Agius ma tghoddx.

L-istess rikorrenti mbaghad isostnu li jezistu ragunijiet gravi u validi biex din il-Qorti tordna s-sospensjoni mitluba. Ir-ragunijiet moghtija jirrigwardaw in-negozju ezistenti bejn il-partijiet li wassal ghall-hrug tal-kambjali mertu ta' dawn il-proceduri. Gustav Baldacchino jsostni li l-kambjala tikkreja obbligazzjoni ad hoc indipendenti mill-obbligazzjoni li wasslet ghall-hrug taghha.

Din il-Qorti taghmel pjena referenza fil-kuntest ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta (Imh. T. Mallia) moghtija fil-kawza "Giordmaina vs Pace" fis-16 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti, fuq skorta ta' gurisprudenza u teorija legali rriteniet illi galadarba kambjala ma gietx girata, ma tistax titqies awtonoma mill-obbligazzjoni li tat lok ghaliha.

Fil-kaz in ezami, huwa evidenti li jezisti dizgwid bejn il-partijiet dwar il-causa tal-obbligazzjonijiet assunti minnhom it-tnejn. Filwaqt li r-rikorrenti odjerni jsostnu li l-ftehim kien trasferiment ta' agenzija esklussiva, l-intimat jghid li kull ma kien hemm kien bejgh ta' merkanzija.

Din il-Qorti tqis li fih innifsu dan id-dizgwid huwa raguni serja u valida bizzejjed biex twassalha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. il-provvedimenti tal-ligi fir-rigward, intizi sabiex ihaffu proceduri legali ghall-gbir ta' debiti, zgur ma kinux intizi biex ixejnu mid-drittijiet ta' debitur li jkollu l-obbligi tieghu skrutinati minn Qorti f'kawza fuq il-mertu, jekk ikun hemm lok ghal dan. Provvedimenti ghal speditezza mhumiex intizi biex jintuzaw bhala pressjoni fuq debitur a skapitu ta' drittijiet moghtija lilu bl-istess ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Gordon Agius u Robert Agius u tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali msemmija fl-ittra ufficjali Nru. 2470/11.

Fic-cirkostanzi, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------